Xogħol tal-Iskjavi fost il-Maltin

Guido Lanfranco

Artiklu li deher fil-Programm tal-Festa tal-2007 tal-Għaqda San Leonardu ta' Ħal Kirkop u riprodott bil-permess tal-awtur.

Dwar skjavi li kienu jaqdfu fuq il-galeri u x-xwieni tal-Ordni ta' San Ġwann jew tal-kursari nisimgħu spiss u nkiteb ħafna. Għalhekk f'din il-kitba mhux ser nikteb dwar dawn imma dwar xogħolhom fuq l-art qalb il-poplu Malti sakemm spiċċat minn hawn l-Ordni ta' San Ġwann u spiċċaw huma wkoll.

Billi l-iskjavi f'Malta kienu parti minn sistema aċċettata kullimkien u kienu jiffurmaw parti mill-ambjent soċjali tal-Maltin għal mijiet ta' snin, ma jistax jonqos li mhux biss ħadmu u ħallew warajhom is-swar u l-bini li għadna naraw sa llum, imma l-Maltin, l-aktar fl-ibliet ta' madwar il-Port il-Kbir, fl-Imdina u fl-iħula l-kbar kellhom stil ta' ħajja li kienet tinvolvi l-jasar f'ħafna mill-aspetti tagħha u f'fomm il-poplu żviluppaw bosta leġġendi li jfakkruna fl-iskjavi fil-gżejjer tagħna. Magħhom daħħlu wkoll traċċi ta' xi xogħol, snajja' u superstizzjonijiet li ġabu magħhom minn artijiet oħra.

Xogħol l-iskjavi tal-Ordni fuq l-art

Meta ma kienux ibaħħru, jaqdfu u jaħdmu fuq il-galeri l-iskjavi tal-Ordni kellhom ħafna xogħol ieħor fuq l-art. Kien ikollhom ammont kbir ta' xogħol ta' bini tas-swar u fortifikazzjonijiet. Għall-bini tal-Belt Valletta mill-1566 jingħad li kienu jaħdmu xi 8,000 skjav. Fl-1612 ix-xogħol fuq l-akwedott ta' Wignacourt kien waqaf minħabba ħafna ntoppi u jingħad li fi stadju minnhom kellu jkun skjav Tork li sab xi soluzzjoni. L-akwedott kien komplih u spiċċah b'suċċess Bontadino de Bontadini biex wassal l-ilma mill-inħawi tar-Rabat għall-Belt fl-1615.

Meta kien ikun hemm biża' ta' invażjoni mit-Torok dan ix-xogħol kien jingħata aktar urġenza, bħalma ġara, fost drabi oħra, f'Jannar tal-1547 meta l-Gran Mastru ordna li l-iskjavi jinġabru għax-xogħol fuq is-swar ta' Sant' Anġlu. Fil-funderija tal-Ordni fil-Belt kuljum kienu jagħmlu kanuni tal-bronż u tal-ħadid li kienu jirriċiklaw mill-metall ta' oħrajn qodma u, fl-istess post, fl-1682, inħadmet grada tal-ħadid għal quddiem il-vara tal-Kunċizzjoni li kien hemm għand il-Konventwali u ġarrewhielhom l-istess skjavi. Kienu jaħdmu wkoll fl-armerija tal-palazz. Fl-1770 l-uffiċjal inkarigat talab li jibgħatulu mill-inqas 100 skjav biex jgħinuh inaddaf u jirrestawra l-eluf ta' armi miġbura hemm.

Ħafna skjavi kienu jaħdmu fit-tarzna u madwarha, jgħinu fix-xogħol tal-qlafat, tal-kurdara u tal-mastrudaxxi fil-qtugħ tal-injam u fuq it-torn, mal-ħaddieda fil-forġa u

wkoll f'imħażen oħra tax-xogħol. Dan minbarra xogħolijiet oħra ta' ġarr ta' proviżjonijiet, kanuni u kulma jinħatt jew jitgħabba fuq il-galeri, u xogħol ieħor li kienu jqabbduhom nies tas-snajja' oħrajn ukoll jekk ma jkunux tal-Ordni. Kienu jaħdmu u jsewwu l-qlugħ li minnhom, kull biċċa tal-gwerra fis-seklu tmintax, kien ikollha xi 36 għamla differenti. *Fis-Sacra Infermeria,* l-isptar tal-Ordni, mhux biss kien hemm infermieri normali imma wkoll oħrajn skjavi għall-kura tal-pazjenti u l-manutenzjoni tal-isptar. Bħala eżempju nsemmu li fl-1648 kien hemm 39 skjav u ħabsin forzati, għadd minnhom fil-kċina, oħrajn jaħslu lożor u lbies, fl-ispiżerija, tindif tal-fided u fil-ġnien tal-ħxejjex mediċinali. Fl-1750 kien hemm 30 nisrani u 32 Mislem.

Fil-palazz tal-Gran Mastru, minbarra impjegati ħielsa, kien hemm skjavi nisa li jaħdmu ta' servjenti u fil-kċina. Verdala, fost oħrajn, kellu tliet mużiċisti Indjani u erba' Torok mgħammdin u ħaddiema oħra li kienu tiegħu personali li, skont it-testment tiegħu inħelsu wara mewtu. Carafa' kien għen bi flusu lill-patrijiet Franġiskani Konventwali biex jibnu l-knisja tagħhom tal-Belt imma kien silifhom skjavi u ħaddiema oħra tal-Ordni biex isir il-bini. Fl-1697 Perellos ħallas 220 skud biex xtara żewġ bniet Torok ta' 12 u 9 snin u nefaq 123 skudi oħra biex għamlilhom ilbies rikk tal-brokkat.

Kontroll tal-iskjavi

Mal-qanpiena tal-Ave Marija f'inżul ix-xemx l-iskjavi tal-Ordni li jaħdmu fuq l-art kienu jorqdu fil-ħabsijiet li kien hemm fil-Birgu, fil-Belt u fl-Isla. Kien hemm dawn it-tliet ħabsijiet biex meta jasal il-bżonn li joħorġu jaħdmu jew jirritornaw għall-lejl ma jkunx hemm bżonn ta' traġitti żejda fuq il-baħar fejn sikwiet kien hemm każi ta' ħarba. Post bħal dan kien jissejjaħ *bagno* (banjo). F'dan il-ħabs kellhom regolamenti apposta u kulma kienu jagħmlu kienu jinħtieġu l-permess. Hemm bosta eżempji ta' skjavi li jingħataw permess jorqdu barra mill-ħabs għax ikunu mpjegati ma' kavallieri u familji, imma min iżommhom kien jinżamm responsabbli għalihom. It-Teżor tal-Ordni kien jagħti permessi bħal dawn u wkoll jistabbilixxi stima jew il-prezz ta' skjavi li jaħdmu mal-privat.

Familji bi skjavi magħhom fid-dar kellhom jirreġistrawhom bl-isem, numru, età u art twelidhom. Xi skjavi li jaħdmu mal-privat imma li kellhom il-libertà li joħorġu barra, xorta kellhom jinġabru fil-ħabs tal-post għall-lejl ma' skjavi oħra. Meta kien hemm il-pesta, bħal dik tal-1676, ir-regolamenti kienu jipprojbixxu li n-nies jiġġerrew barra. Meta kellhom bżonn qadjiet setgħu jibagħtu skjav, qaddej jew membru tal-familja wieħed biss li jibqa' dejjem l-istess wieħed li jagħmel il-qadjiet.

Xogħol *fil-bagno* jew ħabs

Fil-ħabsijiet l-iskjavi kienu jingħataw permess li jagħmlu xogħol ieħor li minnu jistgħu jaqalgħu xi ħaġa. Ma ninsewx li l-iskjavi kienu taħlita ta' nies li nqabdu waqt li kienu

jivvjaġġaw jew minn arthom għalhekk fosthom kont issib, tista' tgħid, kull tip ta' snajja' u xogħlijiet li kienu esperti fihom f'pajjiżhom jew attivitajiet oħra li jistgħu jirrendu ftit tal-qliegħ.

Fil-ħabsijiet kien hemm għadd ġmielu ta' skjavi li kienu jaħdmu ta' barbiera jqaxxru l-leħja u jaqtgħu ix-xagħar. Kienu jitħallsu ftit u għalhekk xi Maltin kienu jmorru għandhom biex jiffrankaw il-flus. Xi qassisin kienu ġew ċensurati għax marru għand skjavi Misilmin minflok Insara jew impjegawhom servjenti magħhom. Xi lsiera Griegi u Torok fil-bagno tal-Belt kienu magħrufa li jbiegħu xarbiet sħan mhux komuni. Wieħed Franċiż li fl-1663 kiteb dwar iż-żjara tiegħu f'Malta jgħid li kienu jippreparaw il-kafe u ċ-ċikkulata (kokotina) li f'dawk iż-żminijiet kienu għadhom lussu. Kienu joffru wkoll xorb frisk bis-silġ. Dak iż-żmien is-silġ kienu jġibuh minn Sqallija. Saħansitra xi kavallieri kienu jmorru hemm bil-moħbi biex jixtru ftit minn dawn ix-xarbiet sħan jew kesħin li ma kontx issibhom bnadi oħra.

Meta kien ikun hemm bżonn ta' bojja għal xi kkundannat il-Gran Mastru kien japprova skjav magħżul mill-bagno. L-iskjavi tal-ħabsijiet kien ikollhom xogħol personali tagħhom ġewwa l-istess ħabs, imma wkoll barra t-triq. Fost xogħolijiet li nsibu msemmijin hemm xogħol fit-tverna, bejgħ ta' ħarrub, ħobż, ilma, ċiċri, ħjata, ħaddied, ġarr ta' merkanzija jew oġġetti oħra, ħatab, qrieq, kpiepel, paljijiet, kenniesa, mriewaħ, xkupi tal-palm, buttara, pipi tal-qasba, għasel, jirahnu l-oġġetti, sdieri għall-bniet, tiġieġ u bajd, drapp, u l-kumplament. Skjavi fil-bagno tal-Ordni ma kinux intitolati għall-ħobża u lbies jekk ikollhom xogħol ieħor barrani.

Skjavi mal-familji

L-aktar fil-Belt Valletta u fit-tlitt ibliet, sa mill-bidunett li ġew il-kavallieri f'Malta, niltaqgħu ma' ħafna dokumenti li juru li n-nobbli, kavallieri u s-sinjuri kollha kellhom xi skjav jew skjava għax-xogħol fid-dar jew personali u biex jagħmlu xogħol li ħaddieħor ma kienx irid jagħmlu, fl-għelieqi u fl-istalel. Avukati, tobba, romol sinjuri, qassisin, suldati u baħħara, is-sindku, xi għalliem, il-kantur tal-kattidral u oħrajn, jekk kienu tat-tajjeb, kien ikollhom l-iskjavi.

L-iskjavi kienu suġġetti għal kastigi aktar ħorox minn ħaddieħor, imma ta' xogħolhom kienu jitħallsu rati l-istess. Il-biċċa l-kbira tal-iskjavi ma kinux jikkonvertu għall-Kristjaneżmu u ġieli nqala' nkwiet għax xi ħadd kien idaħħal fil-knisja skjav Mislem għax ikun servjent personali tiegħu. Għalhekk l-Inkwiżitur kien ipprojbixxa (1729) li skjavi Misilmin jidħlu fil-knisja.

Skjavi li kienu jingħataw permess mill-familji jew minn sidhom privat biex jistgħu jagħmlu xogħol ieħor kienu jissejħu "franki". Il-bejgħ ta' ċerti affarijiet tal-ikel u likwidi

kien bil-permess speċjali tal-awtoritajiet. Dan kien isir għax kien ikun hemm ħafna każi ta' skjavi li jisirqu, fost oħrajn, żejt u ħobż li kien jitqassam fil-ħabs għall-konsum tagħhom u jbiegħuh.

Negozjant sinjur f'Ħal Balzan fis-seklu tmintax, bħala eżempju, kellu dar u familja kbira, u miegħu kellu għadd ta' skjavi, fosthom nisa suwed. Fost individwi li kellhom skjavi nsibu uħud li kellhom ħajja ftit jew wisq imħawda li sikwit kienu jidhru quddiem l-inkwiżitur. Waħda li tissemma' kienet Speranza (fl-1617) li kienet tberbex fis-superstizzjonijiet u maġija u kellha sittax-il skav nisa u rġiel. Ukoll Caterina Vitale, għalkemm kienet saret benefattriċi magħrufa tal-iskjavi, kien hemm żmien meta kienet taħqar lil tagħha. Cosmana Navarra, benefattriċi tal-knisja parrokkjali tar-Rabat, mietet fl-1687 u ħalliet warajha lil Mosè li hi kienet rabbiet fid-dar tagħha għax kien iben Marietta, skjava tagħha wkoll. Mosè kien sar saċerdot u miet fl-1715.

Skjavi ma' tal-knisja

Jekk ikunu tat-tajjeb, qassisin u kjeriċi kien ikollhom l-iskjavi tagħhom ukoll. Fost l-eżempji nistgħu insemmu żewġ qassisin tewmin fir-Rabat li kellhom taqdihom lil Giuseppina, skjava konvertita, ta' 24 sena. Fl-*Istatus Animarum* ġieli kienu jidhru ismijiet ta' skjavi domestiċi bħalma, bħala eżempju, nsibu fil-Birgu, lil Anna u Marjanna, żewġ skjavi ma' kjeriku miżżewweġ. Isimhom jurina li kienu kkonvertew. F'Ħal Qormi, fost oħrajn, fis-seklu tmintax kien hemm diversi qassisin li kellhom skjavi jaqduhom u l-kappillan Desira kellu skjava sewda jisimha Antonia li mietet fl-1708.

Id-Dumnikani tar-Rabat kellhom skjav jismu Domenico jaħdmilhom ta' kok, li miet fl-1601 u warajh qabbdu ieħor. Soru ġdida li daħlet mal-Bendittini tal-Imdina, bħala parti mid-dota, tawha skjava u din baqgħet magħha fil-kunvent. Is-sorijiet ta' Sant'Ursla tal-Belt kellhom skjavi biex inaddfu l-knisja, fosthom xi nisa suwed, u oħrajn li jiġu darba fil-ġimgħa mill-*bagno* tal-Birgu biex ikissru l-injam għall-ħatab u filgħaxija jittieħdu lura l-ħabs. L-Isqof Baldassere Cagliares fl-1631 kien marad u, billi f'dawk iż-żminijiet kienu jemmnu f'ħafna superstizzjonijiet, waħħlu fl-iskjav Tork li kellu għax qalu li kien għamillu xi seħer. Tant kienu jemmnu f'hekk li lill-iskjav wiegħduh li jtuh il-ħelsien jekk ineħħi l-magħmul minn fuq l-Isqof. Hekk sar imma qabel inħeles it-Tork għamel xi żmien fil-ħabs tal-magħmul fuq l-Isqof.

Meta l-Isqof Gori Mancini miet fl-1727, fit-testment ħalla żewġt ikmamar tal-kantina lill-iskjava konvertita li kellu, Anna Maria.

Skjavi mal-artisti

Jingħad li Mattia Preti kellu skjav li kien joqgħodlu mudell għall-figuri fil-pittura tiegħu.

Preti kien jgħid li fl-1679 kien għamel parrinu lil tifel Mislem li twieled minn skjava u tah l-istess ismu u kunjomu meta għammduh fil-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt. Kif kienu jagħmlu wkoll il-kavallieri u n-nobbli, Preti kien spiss jagħmilha ta' parrinu lil skjavi konvertiti. Il-pittur Giuseppe D'Arena u martu, li kienu joqogħdu ħdejn il-Karmelitani tal-Belt, kellhom skjava konvertita jisimha Maddalena. Mikelangelo Merisi di Caravaggio kien pinġa lill-Gran Mastru Alof de Wignacourt u dan kien tant għoġbu li lil Caravaggio tah xi skjavi bħala rigal.

Skjavi fis-superstizzjoni

Għadna kif semmejna s-superstizzjoni u l-iskjav tal-Isqof Cagliares. Dak hu eżempju wieħed minn bosta li niltaqgħu magħhom fid-dokumenti, l-aktar fir-reġistri tal-Inkwiżizzjoni. Fost l-iskjavi kien hemm għadd kbir li jidħlu għal ħafna attivitajiet konnessi mas-superstizzjonijiet u jisfruttaw lin-nies fidili li jemmnu fihom. Għalhekk kien ikun hemm ħafna li jmorru għandhom, nisa dwar problemi ta' mħabba, vendikazzjonijiet, protezzjoni, jasar ta' familjari u ħafna problemi oħrajn. Kienu jdaħħlu ħafna bċejjeċ tal-karti, kliem, amuleti u simboli mistejużi mħalltin mar-reliġjon. Bħala eżempju nsemmu skjav Mislem li marret għandu mara nobbli għax żewġha kien sikwit jittradiha. Qalilha li hu Dumnikan liebes ta' skjav biex iħallat xorb misterjuż li jagħmel paċi lill-miżżewġin!

-----TMIEM -----